



Brussell, id-19 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TRASPORT BL-AJRU

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ¹ li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")². Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"³.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, l-operaturi kollha huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bl-ajru ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin fl-oqsma differenti tat-trasport bl-ajru:

1. LIĊENZJI OPERATTIVI

○ **Trasportaturi tal-ajru li jkollhom liċenzji operattivi tal-UE:**

Sabiex jiksbu u jżommu l-liċenzja operattiva tal-UE u jgawdu mid-drittijiet tat-traffiku tal-ajru, it-trasportaturi tal-ajru jridu jikkonformaw f'kull ħin mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar is-servizzi tal-ajru⁴. Il-kundizzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom⁵ fi Stat Membru tal-UE, u li Stati Membri

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

⁵ "Post prinċipali tan-negozju" tfisser l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat ta' trasportatur tal-ajru Komunitarju fl-Istat Membru tal-UE li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv, inkluża l-ġestjoni kontinwa ta' airworthiness, tat-trasportatur tal-ajru Komunitarju (l-Artikolu 2(26) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008).

tal-UE u/jew ċittadini ta' Stati Membri tal-UE jkollhom il-maġġoranza tal-pussess tal-impriża u effettivament jikkontrollawha. Jekk il-kundizzjonijiet ma jibqgħux issodisfati minħabba li r-Renju Unit isir pajjiż terz, il-liċenzja operattiva inkwistjoni mhux se tibqa' valida.

- **Trasportaturi tal-ajru li jkollhom liċenzja operattiva maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit:**

Mid-data tal-ħruġ, il-liċenzji operattivi maħruġa lil-linji tal-ajru mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Renju Unit mhux se jibqgħu liċenzji operattivi validi tal-UE.

2. ASPETTI INTERNAZZJONALI

Mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit awtomatikament ma jibqax kopert minn ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru tal-Unjoni, kemm jekk ikunu saru mill-Unjoni waħedha (pereżempju il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Iżvizzera⁶) jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu b'mod konġunt (pereżempju il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Istati Uniti tal-Amerka⁷). Dan iwassal, b'mod partikolari, għal konsegwenzi li jirrigwardaw l-aċċess għad-deżinjazzjoni/drittijiet tat-traffiku u oqsma oħrajn koperti mill-ftehimiet imsemmija.

- **Trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit:**

It-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit mhux se jibqgħu jgawdu mid-drittijiet tat-traffiku permezz ta' kwalunkwe ftehim ta' trasport bl-ajru li tiegħu l-Unjoni hija parti, u dan kemm jekk lejn it-territorju tar-Renju Unit kif ukoll minnu, u kemm jekk lejn it-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew minnu.

It-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit mhux se jibqax jkollhom aċċess għad-deżinjazzjoni/għad-drittijiet tat-traffiku li s'issa huma disponibbli skont il-ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bl-ajru bejn Stati Membri tal-UE u pajjiż terz minħabba l-prinċipju tad-deżinjazzjoni tal-UE aċċettata mill-pajjiż terz ikkonċernat.

- **Trasportaturi tal-ajru ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE:**

It-trasportaturi tal-ajru tal-Istati Membri tal-UE mhux se jibqgħu jgawdu mid-drittijiet tat-traffiku lejn jew it-territorju tar-Renju Unit jew minnu, mogħtija lil trasportaturi tal-Unjoni minn pajjiż terz permezz ta' kwalunkwe ftehim dwar it-trasport bl-ajru li l-Unjoni tagħmel parti minnu.

Id-drittijiet mogħtija permezz tal-ftehimiet imsemmija li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, l-arranġamenti koperattivi tas-suq, inklużi kiri, servizz intermodali jew flessibbiltà operattiva, jistgħu jiġu affettwati jekk, u sal-punt fejn, jiġu eżerċitati fit-territorju tar-Renju Unit jew b'rabta mat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit.

It-trasportaturi bl-ajru tal-Istati Membri tal-UE jista' ma jibqax ikollhom aċċess għad-deżinjazzjoni/għad-drittijiet tat-traffiku li s'issa huma disponibbli permezz

⁶ Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-ajru (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73).

⁷ Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4).

ta' ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru bejn ir-Renju Unit u pajjiż terz minħabba l-prinċipju tad-deżinjazzjoni tal-UE aċċettata mill-pajjiż terz ikkonċernat.

- **Trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE:**
It-trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mhux se jibqgħu jibbenefikaw minn aċċess għad-drittijiet tat-traffiku lejn it-territorju tar-Renju Unit jew minnu, jew kwalunkwe drittijiet oħrajn fejn dawn ikunu ngħataw lil pajjiżhom permezz ta' kwalunkwe ftehim tat-trasport bl-ajru li l-Unjoni tagħmel parti minnu.

3. ĊERTIFIKATI U LIĊENZJI TAL-AVJAZZJONI

Informazzjoni ulterjuri dwar iċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-avjazzjoni, kif ukoll kwistjonijiet oħra marbuta mas-sikurezza tal-avjazzjoni, inklużi ftehimiet dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, se jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-EASA fil-link li ġej: <https://www.easa.europa.eu/>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u daww nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bl-ajru (https://ec.europa.eu/transport/modes/air_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali. Daww il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport